**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Settembru, 2016**

Kawza Numru: 520/2016JB

Numru: 17

**Cassar Fuel Service Station Limited (C56102)**

***vs***

**W.B. Construction Limited (C46211)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar l-10 ta' Awissu 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erbat elef tliet mija u erbgha u tletin euro u hamsa u sebghin centezmu (€4,334.75) liema somma tirraprezenta prezz ta' *fuel oil* mibjugh u kkonsenjat;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li ghad li giet debitament notifikata bl-atti, is-Socjeta Konvenuta naqset milli tikkontesta dina l-kawza;

Sema' x-xhieda;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali. Inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament li jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta Konvenuta – ghad li debitament notifikata – naqset milli tipprezenta risposta.  Mill-banda ‘l ohra, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu.  Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ t-Talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta’ €4,334.75 bl-imghax kif mitlub mid-data ta’ kull fattura stante li si tratta ta’ obbligi kummercjali.  L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tas-Socjeta Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*